## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2004

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 1** **SOCIAL STUDIES** **TIME: 1hr 30mins**

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

**A. Għaqqad A ma' B:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Jiena ngħix f'komunita' | | f'ċittadini bi drittijiet u dmirijiet. |
| 2. | Nibni karattru sod | | jaħseb f'ħaddieħor u jkun ġeneruż. |
| 3. | Il-valuri ta' l-imħabba u għajnuna | | jiġifieri ma' nies oħrajn bħali. |
| 4. | Kulħadd kapaċi jagħmel xi ħaġa | | ikissru r-relazzjonijiet ta' bejnietna. |
| 5. | Meta naċċetta lill-oħrajn | | billi nimxi ma' dak li hu sewwa. |
| 6. | Jiena ningħaraf mill-oħrajn | | għax fiha nieħdu l-ewwel soċjalizzazzjoni. |
| 7. | Is-soċjeta' tikkonsisti | | jġibu l-ftehim u l-paċi bejnietna. |
| 8. | Min hu/hi altruwist/a | | għax kulħadd għandu xi talent. |
| 9. | Sinjali ta' suppervja u arroganza | | nifhem li kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu. |
| 10. | Is-soċjeta' tinbena fuq il-familja | | għax għandi l-karattru u l-personalita' tiegħi. |

***(1x10 = 10 marki)***

**B. Kull wieħed u waħda minna għandna l-karattru u l-personalita' tagħna li tagħmilna individwi, jiġifieri differenti mill-oħrajn. Dawn nibdew nibnuhom fil-familja li minnha nieħdu l-ewwel soċjalizzazzjoni, jew kif irridu ngħixu flimkien f'komunita', man-nies fil-belt jew raħal fejn noqogħdu. Aktar tard, permezz ta' l-iskola, nibdew nitgħallmu n-normi jew ir-regoli ta' kif irridu nieħdu sehem fis-soċjeta' bħala ċittadini.**

**Imla l-vojt bil-kliem bis-sing taħthom:**

1. ______________________________ = regoli kif ngħix fis-soċjeta'.
2. ______________________________ = jien differenti mill-oħrajn.
3. ______________________________ = dawn juru min jien għax huma parti minni.
4. ______________________________ = għaqda ta' nies li għandhom kultura komuni.
5. ______________________________ = normi dwar kif għandi ngħix man-nies l-oħra.

***(2x5 =10 marki)***

**Ċ. <u>Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet.</u>**

**L-ewwel soċjeta' jew grupp li niltaqgħu miegħu f'ħajjitna hi l-familja. Minbarra l-familja jien ukoll għandi l-qraba u l-ħbieb tiegħi, li bħali ġejjin minn gruppi jew familji differenti. Dawn kollha jissejħu gruppi soċjali. Billi ngħix ma' dawn il-gruppi jiena qed nitgħallem ir-rwol tiegħi fis-soċjeta'. Wara l-familja u l-ħbieb, aħna ngħixu wkoll f'komunita' lokali, jiġifieri ma' nies li joqogħdu f'post jew lokal partikolari. Dawn il-komunitajiet lokali flimkien jiffurmaw komunita' nazzjonali, jew soċjeta' Maltija. Iżda pajjiżna ma jeżistix waħdu, imma jifforma parti mill-komunita' internazzjonali, jew il-pajjiżi tad-dinja kollha flimkien.**

1. Liema hu l-ewwel grupp jew soċjeta' li nagħmlu parti minnu f'ħajjitna?

___________________________________________ (1)

2. Mill-iskola nkompli nitgħallem ir-rwoli tiegħi. Semmi tnejn minn dawn.

___________________________________________

___________________________________________ (2)

3. Għid x'tifhem bi 'gruppi soċjali'?

___________________________________________

___________________________________________ (2)

4. Fil-grupp jidhru valuri differenti. Semmi tlieta minnhom.

___________________________________________

___________________________________________ (3)

5. X'inhi komunita' lokali?

___________________________________________

___________________________________________ (3)

6. X'jiffurmaw dawn il-komunitajiet lokali kollha flimkien?

___________________________________________

___________________________________________ (1)

7. X'inhi l-komunita' internazzjonali?

___________________________________________

___________________________________________ (2)

8. Semmi tliet gruppi soċjali li inti tifforma parti minnhom u fisser x'inhu r-rwol tiegħek fihom.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________ (6)

***(20 marka)***

**D. Mela aħna matul ħajjitna nagħmlu parti jew għandna r-rwol tagħna fi gruppi soċjali differenti. Kull rwol iġib miegħu dmirijiet li aħna rridu nwettqu. Semmi ŻEWĠ dmirijiet tiegħek.**

Fil-familja ______________________ ______________________

Fil-klassi ______________________ ______________________

Fil-lokalita' tiegħek ______________________ ______________________

Fil-pajjiż ______________________ ______________________

Fil-knisja ______________________ ______________________

***(2x5 = 10 marki)***

**E. Il-familja llum hija familja SIMETRIKA, jiġifieri r-raġel u l-mara jaqsmu bejniethom ir-responsabbiltajiet fil-familja. L-ulied ukoll iridu jagħtu sehemhom. B'hekk ikun hemm rispett tad-drittijiet u d-dmirijiet li għandu kull membru fil-familja.**
**<u>Kompli dawn is-sentenzi.</u>**

1. Ngħidu li l-familja hi simetrika għaliex ______________________

______________________

2. Il-mara u r-raġel jaqsmu r-rwoli tagħhom bejniethom billi ______________________

______________________

3. Jien nagħti sehmi billi ______________________

______________________

4. Nuri li nirrispetta lill-oħrajn fil-familja meta ______________________

______________________

5. Kieku fil-familja ma jkunx hawn qsim ta' responsabbiltajiet ______________________

______________________

***(2x5 = 10 marki)***

**F. <u>Għaliex taħseb li inti għandek tagħmel dawn.</u>**

Tieqaf u TISMA' x'għandhom jgħidu l-oħrajn.

______________________

TGĦID l-opinjoni tiegħek

______________________

Tara jekk tistax TITGĦALLEM mill-oħrajn

______________________

TAĊĊETTA li 'mitt bniedem, mitt fehma'.

____________________________________________________________

NIRRISPETTA lil kulħadd.

____________________________________________________________

***(1x5 = 5 marki)***

**Ġ. Il-lokalita' tiegħi hi l-belt jew raħal fejn noqgħod. Hi magħmula minn gruppi u għaqdiet differenti.**

1. Semmi tnejn minn dawn il-gruppi

   ________________________ ________________________ (2)

2. Għid x'inhu r-rwol tagħhom. __________________________________

   ______________________________________________________ (4)

3. X'effett tajjeb għandhom fuq il-lokalita'. ____________________________

   ______________________________________________________ (4)

***(10 marki)***

**G. <u>Ħares lejn dawn l-istampi u għid x'messaġġ għandhom għalik bħala ċittadin/a.</u>**



1. ____________________________________________________________
2. ____________________________________________________________
3. ____________________________________________________________
4. ____________________________________________________________
5. ____________________________________________________________

***(1x5 = 5 marki)***

**GĦ.**




**<u>Ħares lejn l-istampa u imla.</u>**

1. Jien għandi l-ħila li ________________________
2. Biex nitgħallem irrid ________________________
3. Ma jimpurtax meta nieħu żball għax ____________

   ________________________________________
4. Min jistaqsi ________________________________
5. It-taħriġ jew training hemm bżonnu għax _________

   ________________________________________

***(1x5 = 5 marki)***

**H. Ikteb madwar għaxar linji fuq WIEĦED minn dawn.**

1. Semmi żewġ dmirijiet li għandek fil-familja, fl-iskola u fil-komunita' fejn toqgħod u fissirhom.

2. Tibni l-karattru u l-personalita' tiegħek billi tagħmilha man-nies. Semmi tlieta min-nies u għid kif jgħinuk biex tibni karattru sod.

3. Jiena l-ħin kollu nitgħallem fl-iskola, mill-familja, mill-ħbieb, mill-media u minn kull esperjenza li ngħaddi minnha. Għid kif isir dan.

4. Jiena ngħix f'komunita' ta' nies fil-belt jew raħal tiegħi fejn issib il-Kunsill Lokali, il-knisja tal-parroċċa, każini, għaqdiet u postijiet ta' divertiment. Semmi x-xogħol tagħhom fil-komunita'.

5. Ġieli ħadt sehem f'xi attivita', ħarġa jew xi proġett ta' l-iskola? Tkellem dwaru u għid x'tgħallimt minnu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

***(15-il marka)***

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **SKEMA TA' MARKI**

A.
1. Jiġifieri ma' nies oħrajn bħali
2. Billi nimxi ma' dak li hu sewwa
3. Jġibu l-ftehim u l-paċi bejnietna
4. Għax kulħadd għandu xi talent.
5. Nifhem li kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu.
6. Għax għandi l-karattru u l personalita tiegħi.
7. F'ċittadini bi drittijiet u dmirijiet.
8. Jaħseb f'ħaddieħor u jkun ġeneruż.
9. Ikissru r-relazzjonijiet ta' bejnietna.
10. Għax fiha nieħdu l-ewwel soċjalizzazzjoni

(10 marki)

B. 1. Normi 2. Individwi 3. Karattru u personalita' 4. soċjeta' 5. Soċjalizzazzjoni

(10 marki)

Ċ.
1. Il-familja.
2. Ħabib, student/a, membru fi grupp u oħrajn.
3. Gruppi li jħaddnu fihom nies bl-istess rwoli.
4. Għajnuna, mħabba, ftehim, koperazzjoni u oħrajn.
5. Il-belt jew raħal fejn noqgħod.
6. Is-soċjeta' jew il-komunita' nazzjonali Maltija.
7. Il-pajjiżi l-oħrajn.
8. Familja, ħbieb, qraba, studenti, għaqda reliġjuża, għaqda sportiva u oħrajn. Ir-rwoli tiegħi hu li nagħti sehmi skond il-grupp. (20 marka)

D.
1. Ngħin, nikkopera, naħsel, naqsam, inżomm nadif u oħrajn.
2. Nisma', nistudja, naħdem, nieħu sehem, nikkopera u oħrajn.
3. Nieħu sehem, inżomm nadif, ma nagħmilx vandaliżmu, nikkopera u oħrajn.
4. Inħares il-liġijiet, nagħti sehmi, inżomm nadif, inkun naf l-istorja u l-Innu u oħrajn.
5. Inħares il-kmandamenti, nisma' l-quddies, nagħti sehmi u oħrajn. (10 marki)

E.
1. Għax l-ġenituri u l-ulied jaqsmu bejniethom ir-responsabbiltajiet.
2. Jiftiehmu, jikkoperaw f'dak kollu li hemm bżonn.
3. Ngħin u nikkopera f'dak kollu li hemm bżonn li jsir.
4. Naqsam magħhom ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja li jirrigwardaw lili.
5. Jinħoloq l-inkwiet. (10 marki)

F. Dawn huma attitudnijiet u għalhekk kull tweġiba pożittiva hija aċċettata.
1. Biex nara kif jaħsibha ħaddieħor li għandu dritt daqsi li jesprimi ruħu.
2. Nagħti l-idea tiegħi forsi tkun l-aħjar soluzzjoni.
3. Nibqgħu nitgħallmu dejjem f'sitwazzjonijiet differenti minn xulxin.
4. Kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu.
5. Il-paċi, il-ftehim, il-progress jiddependi fuq kemm nirrispettaw lil xulxin. (5 marki)

Ġ.
1. Familji, għaqdiet reliġjużi, sportivi u politiċi, każini, reliġjużi, skejjel, negozjanti u oħrajn.
2. Jiġbru fihom membri biex jinqdew skond il-bżonn.
3. Koperazzjoni, kumpanija, soċjalizzazzjoni, attivita', ħbiberija u oħrajn. (10 marki)

G. L-istudenti juru attitudnijiet pożittivi bħala ċittadini skond kif jinfluwenzawhom l-istampi dwar:
1. it-televiżjoni 2. L-eżerċizzju 3. L-iġjene 4. L-ikel żejjed 5. Rispett lejn l-anzjani
(5 marki)

GĦ. L-istudenti huma mħajrin ikunu pożittivi li lkoll iħossu li għandhom x'jikkontribwixxu:
1. Juru x'kapaċi jagħmlu: nikteb, naqra, nitkellem, infittex, naħsel, inħit u oħrajn.
2. Nifhem, nistaqsi, naqra, u oħrajn.
3. Minnu nitgħallem, kulħadd jiżbalja u oħrajn.
4. Jitgħallem, jifhem iżjed, jirranġa l-iżbalji u oħrajn.
5. Inkun naf x'għandi nagħmel, inkun preparat u oħrajn. (5 marki)

H. 1. 2 marki għal kull dmir spjegat (sa 10 marki).
5 marki għall-preżentazzjoni.

2. 4 marki għall-ispjegazzjoni ta' karattru u personalita'.
2 marki għal kull persuna msemmija (sa 6 marki).
5 marki għall-preżentazzjoni.

3. 2 marki għal kull mezz ta' tagħlim spjegat b'eżempju (sa 10 marki)
5 mark għall-preżentazzjoni.

4. 2 marki għal kull għaqda msemmija b'eżempju tax-xogħol tagħha.
5 marki għall-preżentazzjoni.

5. 5 marki għad-deskrizzjoni tal-proġett jew attivita'.
5 marki għall-ispjegazzjoni dwar it-tagħlim li ħadu minnha.
5 marki għall-preżentazzjoni.